# Mis-Sillabu

RIVISTA GĦALL-ISTUDENTI TAL-MATRIKOLA

Volum 2 Numru 6











L-UMANIŻMU TA' ELLUL MERCER

L-ISFOND STORIKU TA' SUNETT TA' ĠORĠ PISANI

L-ISTIL FIL-KITBA TA' L-*ESSAY*

LINGWISTIKA ĠENERALI: ANALIŻI TA' L-ILSIEN MALTI

KOMPONIMENT MUDELL

KORS FL-GĦARBI GĦALL-MATRIKOLA

PUBBLIKAZZJONI TAL-PUBLISHERS ENTERPRISES GROUP (PEG) LTD.

25¢

# Mis-Sillabu

**Maħruġ l-ewwel darba f'Settembru, 1984**

**Volum 2 Numru 6**

Pubblikat mill-Publishers Enterprises Group (PEG) Ltd,
Triq Herbert Ganado,
Il-Ħamrun, Malta.



© 1986 P.E.G. Ltd.
© Dritt Letterarju tal-kittieba

Il-jeddijiet kollha miżmuma. L-ebda silta ma tista' tkun ippubblikata jew maħruġa b'xi mod jew ieħor fotostatiku, elettroniku, mekkaniku, irrekordjat mingħajr il-permess bil-miktub tal-Publishers Enterprises Group (PEG) Ltd.



Phototypeset mill-Comprint Ltd, Il-Ħamrun
Mitbugħ mill-Imprint Ltd, Ħal Qormi



**Bord Editorjali**
Ġorġ Mifsud (*Editur*)
Mario Azzopardi (*Sub-Editur*)

*Konsulenti* J.M. Brincat
Paul Xuereb


***Il-Kittieba***

| | |
|---|---|
| J.C. Briffa | Maryanne Grech |
| Richard Cremona | Ġorġ Mifsud |
| Ġużè Diacono | Stephen J. Muscat |
| Oliver Friggieri | Lawrence Quintano |
| Eric Gatt | Alfred Zerafa |

**X'FIH**


**L-Umaniżmu ta' Ellul Mercer**
*Richard Cremona* 265
**Noti dwar il-Kritika Letterarja**
*Oliver Friggieri* 266
**L-Isfond tal-Poeżiji "Storiċi" ta' Ġorġ Pisani (2) – Il-Ġrajja tal-Laqgħa ta' Mussolini u Hitler (Mejju, 1938)**
*Stephen J. Muscat* 267
**Il-Ħsieb Orjentali f'*Tabernakli***
*Maryanne Grech* 268
**Inkomplu nintervistaw lil Victor Fenech (2)** 270
**L-Istil fil-Kitba ta' l-*Essay*** *J.C. Briffa* 272
**Analiżi ta' l-Ilsien Malti** *Eric Gatt* 276
**Ir-Rabta bejn Karattri u Udjenza fit-Teatru (3)** *Ġużè Diacono* 278
**Pass Pass lejn il-Livell Ordinarju (8)**
*Alfred Zerafa* 279
خطوةً خطوةً إلى المستوى العادي (٨) بقلم الفريد زرافا

**Mingħand il-Qarrejja** Kopertina
**Komponiment – Ir-Reliġjon għall-Kittieb Malti** *Lawrence Quintano* Qoxra ta' wara


***EDITORJAL***

Is-suċċess sħiħ tad-dramm *Il-Ġaħan ta' Binġemma* li rajna ftit tal-jiem ilu, miktub minn Francis Ebejer u mtella' minn Mario Azzopardi jġibna wiċċ imb'wiċċ mal-mistoqsija kiefra: 'Għala l-Maltin ma jafux u ma jistgħux japprezzaw il-wirt folkloristiku tagħhom?'

Inkiteb ħafna fil-gazzetti, anki mid-drammaturgu nnifsu, fuq il-bidu u l-oriġni ta' Ġaħan. M'iniex se' nidħol fil-polemika ta' min ivvintah l-ewwel għax dan imur kontra l-ispirtu ta' kull prinċipju xjentifiku tal-Folklor. Imma jaqbel li wieħed jistaqsi: 'Kemm minna l-Maltin aħna midħla tal-ħrejjef ta' Ġaħan? Għala bqajna daqshekk idejna fuq żaqqna u bqajna kuntenti biss bil-ħrafa ta' *Ġaħan u l-Bieb?'*

Kien sar pass serju ħafna meta nfetaħ il-Mużew tal-Folklor. Imma kemm għadna 'l bogħod mill-interess minimu li l-folklorista serju, kemm Malti kif ukoll barrani, jippretendi li għandu jilmaħ fl-oqsma kollha amministrattivi. Dan igħodd għall-għbir tal-materjal kollu folkloristiku li jista' jingabar biex ikun maħżun u ddokumentat f'librerija folkloristika bi kriterji moderni u jgħodd ukoll għall-istħarriġ serju u sistematiku fuq linji aġġornati mal-movimenti kontemporanei tax-Xjenza Folkloristika.

Fiż-żewġ livelli wieħed ikollu jistqarr li għadna l-baħar. Ix-xewqa li kien wera Patri Manwel Magri, S.J. aktar minn tmenin sena ilu biex il-ħrejjef tagħna jingabru u jinqalbu f'lingwi oħra għadha lanqas biss twettqet. Il-kuraġġ li wrew Ninu Cremona u Ġużè Cassar Pullicino bl-istudji u bil-pubblikazzjonijiet tagħhom, fost l-oħrajn, hemm bżonn li nibnu fuqhom, jew ta' l-anqas nissoktaw bihom. Ir-rivista *Maltese Folklore Review* li b'sagrifiċċju kbir kien joħrogħa Cassar Pullicino hemm bżonn li terġa' tara d-dawl taħt it-tmexxija tiegħu u fl-ispirtu ġenwin li kien varaha bih hu għall-ewwel darba. It-tfal u ż-żgħażagħ hemm bżonn li jitrawmu minn kmieni f'apprezzament, l-ewwel u qabel kollox, tal-Folklor Malti. M'hemm xejn ħażin li jaqraw u jisimgħu l-wirt folkloristiku ta' pajjiżi oħra – bħalma rajna dan l-aħħar fiż-żewġ produzzjonijiet għat-tfal tal-ħrafa *Bajda Silġ* ta' l-Aħwa Grimm, l-aktar l-addattazzjoni mużikali ta' Sor Emma Camilleri. Imma għala l-ġenerazzjonijiet *kollha* li telgħu sa issa kemm ilha li saret l-edukazzjoni obbligatorja għal kulħadd, ma jafux u f'xi wħud mill-każi ma jridux ikunu jafu bil-wirt folkloristiku tagħna?

Ir-responsabbiltà ta' dan in-nuqqas serju kontra l-kultura folkloristika Maltija qiegħda fuqna lkoll. Bħal-letteratura artistika l-Folklor ukoll għandu l-arti tiegħu. Jekk inwarrbu din l-arti nkunu rmejna r-ruħ ta' poplu sħiħ. U din m'hijiex xi ħolma. Id-dramatizzazzjoni għall-palk u mbagħad għall-istazzjoni lokali tat-televiżjoni li kont ħadt f'idejja jien bl-għajnuna tas-Sur Andrew Diedo fl-1975 tal-ħrafa "Is-Sigra", tixhed kemm l-għatx għall-kultura popolari tagħna għadu sħiħ fil-kuxjenza tagħna u jonqos l-inizjattiva ta' dak li jkun biex dan l-għatx iwitih u jaħjih.



Ellul Mercer: moralista favur il-batuti

# L-UMANIŻMU TA' ELLUL MERCER

"LELI TA' ĦAŻ-ŻGĦIR", li nistgħu ngħidu li għandu jitqies bħala l-bidunett tar-rumanz psikoloġiku Malti, juri, fost ħwejjeġ oħra, l-għatx kbir li kellu Ellul Mercer għall-qari: ibda minn Shakespeare u spiċċa f'Einstein, minn Platun għal Dostojevski, minn Dante għal Marx, minn Maupassant għal Verga, O'Henry, Nietzsche u Nordau. Kap. XII ta' l-Ewwel Ktieb tar-rumanz *Leli ta' Ħaż-Żgħir* huwa miżgħud b'referenzi għal awturi ta' fama li kellhom sehem importanti tassew fil-formazzjoni letterarja u psikoloġika ta' Ellul Mercer. Għaddej minn taħt 'il taħt fil-kitbiet kollha ta' Ellul Mercer hemm il-biża' illi l-għerf jista' jġennen, u dan huwa konsolidat fit-turija tat-taqlib mentali li jgħaddi minnu l-protagonista li ħoloq Ellul Mercer fl-aħjar xogħol tiegħu.

L-ossessjoni għall-qari ma setgħet tbatti xejn f'Ġużè Ellul Mercer: kien jaqra mhux biss il-klassiċi tal-filosofija u tal-letteratura, iżda baqa' jżomm ruħu aġġornat ma' l-istudju ta' l-istorja lokali u dik internazzjonali. Mill-banda l-oħra, jidher ċar illi Ellul Mercer kien isegwi mill-qrib dak li kien qiegħed jinkiteb fi żmienu fl-aħjar rivisti tal-mument, l-aktar dawk Ingliżi. Il-kitbiet ta' Ellul Mercer fir-rivista ta' kull xahar *The Knight* (mibdija fl-1950 bħala organu tal-*Malta Labour Party* u editjata mill-ex-Prim Ministru D. Mintoff) juru kemm huwa kien infurmat dwar il-kriżijiet tal-ġurnata.

Hawnhekk jinteressana artiklu partikolari miktub minn Ellul Mercer bl-Ingliż, u li kien ixxandar *f'The Knight* f'Settembru, 1953 (Vol. III No. 8, pp. 23–28) u li jismu *"The Human Gamble"*. L-artiklu ta' Ellul Mercer, imnebbaħ minn kitba ta' l-istess isem li kienet dehret fil-gazzetta Ingliża ta' kull nhar ta' Ħadd *The Observer* bil-firma ta' Max Nicholson, huwa ta' fejda biex wieħed ikompli jifhem (1) is-sensittività ta' Ellul Mercer kontra l-esplojtazzjoni li ġarrbu l-Maltin matul is-sekli taħt idejn il-barrani u (2) il-kwalità personali tal-ħniena li dejjem kienet preżenti fil-karattru ta' Ellul Mercer. Imnebbaħ mill-kummenti li l-artikolista Ingliż kien għamel dwar il-problema tal-ġuħ fid-dinja, Ellul Mercer fakkar illi l-Maltin daqu l-ġuħ u mietu mingħajr ikel. Ellul Mercer fakkar illi l-Maltin kienu qegħdin imutu fis-solitudni, bil-mod il-mod, mingħajr kawża ġusta. Huwa hawnhekk illi fl-artiklu ta' Ellul Mercer jolqotna passaġġ

• ikompli f'paġna 275




Il-Granmastru Kardinal de Verdalle: ikkritikat minn Ellul Mercer talli bena l-palazzi flok ħa ħsieb jitma' lill-poplu Malti.

# NOTI DWAR IL-KRITIKA LETTERARJA

*minn OLIVER FRIGGIERI*

**L-ISTUDJU LETTERARJU hu qasam vast ħafna u għalhekk anki l-mistoqsija "X'inhi l-kritika letterarja?" ma tistax titwieġeb jekk mhux fit-tul u minn aspetti differenti. Jixraq, madankollu, li niksbu ħjiel ta' għadd ta' fehmiet u attitudnijiet li jidhru li huma ċerti u fundamentali biżżejjed biex inqisuhom bħala meħtieġa dejjem.**

Waqt li niddistingwu bejn it-teorija letterarja, l-istorja letterarja u l-kritika letterarja, norbtu wkoll flimkien lil dawn l-aspetti differenti billi nistaqsu: "Kif se' napprezzaw xogħol miktub letterarjament?"

Ladarba l-letteratura hi magħmula mill-kliem, u ladarba l-kliem hu espressjoni ta' xi ħaġa oħra, irridu nifhmu kemm il-kliem, kemm ix-xi ħaġa oħra, u kemm ir-relazzjoni bejniethom. Mela l-kritika, tkun f'liema livell tkun – għax f'kull livell kull bniedem irid jiġġudika u jivvaluta – tibda mill-kliem biex tmur lilhinn minnhom u ssib il-fejda tal-kontenut li jkun: personali, soċjali, politiku, reliġjuż u l-bqija. Kull kittieb qiegħed *jisħaq*, bl-istil tiegħu, waqt li jikkomunika; fix-xejriet tal-lingwa li jisħaq insibu l-identità letterarja tiegħu.

Hemm differenza kbira bejn li nifhmu u li nanalizzaw dak li fhimna; waqt li l-letteratura għandha tiġġarrab minn kulħadd, il-kritika tista' tinteressa lil min irid janalizza x'ġarrab, x'hemm fit-test miktub u fl-ambjent tat-test miktub biex il-kompożizzjoni tal-kliem – poeżija, rumanz, dramm – tħalli effetti fuqu.

Ladarba l-letteratura hi l-arti li tinqeda biss bil-kliem, l-istħarriġ tal-letteratura jaqbad il-kliem "tad-dizzjunarju" u jfittex il-mod "ġdid", letterarju, kif dan inħadem effettivament. Ninnutaw minnufih li hemm differenza fundamentali bejn kif ninqdew bil-lingwa għall-komunikazzjoni ta' kuljum u kif il-kittieb jinqeda biha għall-"okkażjoni" speċjali li joħloq hu.

Din hi xejra kritika antika u moderna wkoll. Ninnutawha fit-taħriġ prattiku li jsir anki fi klassi elementari bħalma ninnutawha fl-analiżi l-aktar dettaljata. Aktarx li jkun xieraq li nibdew biex niksbu għarfien ta' liema huma l-aħjar metodi li nistgħu ninqdew bihom biex niksbu s-sens tal-letteratura bħala *kitba*, biex imbagħad nifhmu li hemm bosta mġibiet oħra kif nistgħu nfettħu, inwessgħu u nkattru dan l-istess għarfien bikri tal-letteratura bħala damma ta' kliem li tikkonċerna kollox minbarra l-kliem stess.

Jekk niksbu idea tajba ta' l-għażla bejn il-kitba kreattiva u l kitba kritika, niksbu wkoll idea tan natura differenti tagħhom. Nistgħu naslu biex nifhmu wkoll ir-relazzjoni bejn il-kittieb, il-kritiku, u l-pubbliku ġenerali.

L-ewwel irridu nħarsu lejn it-test letterarju bħala "oġġett" magħmul, fiss, li hu dejjem kif inhu. Ix-xejriet letterarji jinsabu fih, u jekk insibuhom inkunu ksibna ħjiel tal-bixra letterarja. Hawn jidħol l-għarfien tal-partijiet lingwistiċi li jikkomponuh. Bis-saħħa tagħhom il-qarrej iġarrab it-test, u bis-saħħa ta' l-istħarriġ tagħhom, jekk hu interessat, jista' jsir jaf x'inhuma l-mezzi li wasslu għall effett li ħalla fuqu l-kliem u li seta' jseħħ għax il-kliem għandu wkoll l-istorja tiegħu. Nieħdu eżempji ta' din "l-istorja" tal-kliem.



**Il-letteratura tistħarreġ ir-relazzjoni tal-bniedem ma' l-univers**

Liema hu t-tip ta' kliem Malti li qiegħed juża l-awtur? Liema sfond kulturali u soċjali jindika dan il-kliem? Kif hu magħżul u mħaddem fid-dawl ta' l-użu l-aktar kurrenti tiegħu? L-implikazzjonijiet ta' dawn il-mistoqsijiet u ta' oħrajn jistgħu jkunu, anzi huma, kulturali. Għalhekk minn hawn nibdew biex nistħarrġu r-relazzjoni tal-kittieb ma' l-univers li jgħix fih bħala bniedem, man-nazzjon li jgħammar fih bħala ċittadin, mas-soċjetà li hu membru tagħha bħala persuna. Nistgħu nistaqsu jekk it-temi humiex universali, għaliex jolqtu lill-bniedem fih innifsu, bħala abitant ta' l-art kollha, jew jekk humiex temi nazzjonali u soċjali, għaliex iqisu l-bniedem skond il-post u ż-żmien tiegħu.

Huwa dejjem meħtieġ li wieħed ifittex il-konċiżjoni fis-silta letterarja, u magħha dawk il-kwalitajiet li jirrendu s-silta letterarja, jiġifieri differenti minn kull silta oħra, "imbiegħda" apposta mill-espressjoni komuni biex b'hekk tolqot u tenfasizza aktar. Bis-saħħa ta' dawn ix-xejriet – l-istil – il-kittieb jirnexxilu jħalli effett fuq il-qarrej għax ikun qabad strument komuni (il-lingwa ta' kulħadd) u ħaddmu b'mod speċjali (l-istil tiegħu). Għalfejn? – It-tweġiba tinstab fl-aspett tabilħaqq ġdid u personali li hu qiegħed ifittex li jiskopri anki f'temi u f'esperjenzi komuni; il-letteratura valida hi sikwit magħmula minn esperjenzi komuni mfissrin b'ħila partikulari.

**O. FRIGGIERI**

L-ISFOND TAL-POEŻIJI "STORIĊI" TA' ĠORĠ PISANI (2)

# IL-ĠRAJJA TAL-LAQGĦA TA' MUSSOLINI U HITLER F'RUMA (Mejju, 1938)

• jaqbad minn paġna 251



Ġ. Pisani

Ribbentrop kien inkwetat għax ftit li xejn kien tħalla l-ħin għad-diskussjonijiet politiċi. Kien ġie Ruma mgħobbi b'ħafna karti diplomatiċi u trattati fuq ċerti suġġetti bħall-Awstrija, is-solidarjetà ta' l-Assi, il-Bolxeviżmu[7] bħala għadu komuni, il-ko-operazzjoni ma' stati bl-istess fehma tagħhom u r-relazzjonijiet ma' Franza u l-Ingilterra, Spanja, il-Ġappun u l-Lvant Imbiegħed.

Kien hemm fattur li ried iqajjem għad-diskussjoni u li kien qed jittama li kien se jkun rebħa diplomatika personali għalih, jiġifieri l-proposta għall-alleanza militari bejn il-Ġermanja u l-Italja. X'aktarx li din id-deċiżjoni ttieħdet għall-ħabta ta' l-aħħar ta' Marzu, 1938.

Ma kien hemm l-ebda opportunità għat-taħdidiet fuq dawn is-suġġetti. Schmidt kien l-interpretu u innota li Mussolini u Ciano għamlu li setgħu biex jiskappaw minn xi diskussjoni serja. Iżda f'Napli, Ribbentrop seta' jagħtih lil Ciano mudell ta' trattat ta' alleanza flimkien ma' protokoll sigriet li jissuġġerixxi ko-operazzjoni militari Italo-Ġermaniża.

Ciano donnu ma qabilx. Fuq dan Mussolini kien jaqbel mal-ministru tiegħu, u meta kulħadd irritorna lejn Ruma, Ciano għadda stqarrija bil-miktub lil Ribbentrop. Il-Ġermaniżi ddeskrivewh sewwa t-trattat għax kien jixbah lil wieħed ta' paċi ma' l-għadu, aktar milli patt ta' lealtà ma' ħabib. Kienet ċaħda tal-proposta Ġermaniża. Ribbentrop kien mgħaddab bil-kbir għax ra l-ħolma ta' suċċess personali kbir għalih tgħib fix-xejn.

Hitler kien għaref biżżejjed biex ma jkomplix jinsisti, għax kien jaf li b'naqra paċenzja min-naħa tiegħu, Mussolini kien se jaqa' fix-xibka. Għalhekk lill-ambaxxatur Ġermaniż f'Ruma avżah biex iwarrab dan il-każ għall-mument. Ribbentrop qal lill-ambaxxatur Taljan li l-każ ma kienx ta' importanza kbira. Hitler kien kapaċi jistenna, u kellu raġun, għax kważi eżatt sena wara ġab lit-Taljani madwar il-mejda f'Berlin biex jiffirmaw it-trattat. Tista' tgħid li dan kien l-istess dokument li Ciano kien warrab f'Ruma.

Jekk Ribbentrop kien qiegħed jisħet xortih għall-falliment personali, Hitler kellu kull raġun biex ikun kuntent bl-impressjoni li kienet ħalliet iż-żjara fuq moħħ Mussolini. Ħass li l-bruda li seta' kien hemm minħabba l-avventura Awstrijaka, issa kienet spiċċat u issa seta' jibda proġetti oħra mingħajr ma jħabbel moħħu biex jinanġa l-affarijiet ma' l-Italja. Bħas-soltu l-kuntatt personali ma' Hitler wassal biex Mussolini jkollu kunfidenza sħiħa fil-futur ta' l-Assi.



Hitler u Mussolini ma' Chamberlain, Daladier u Ciano

Fid-9 ta' Mejju Hitler telaq minn Ruma għal Firenze u Mussolini qagħad miegħu. Hitler ħassu aktar f'tiegħu għax ma kellux għajnejn ir-Re fuqu. Tgħidx kemm faħħar lil dik il-belt. L-entużjażmu kbir li laqgħuh bih f'Firenze, b'kuntrast ma' kif laqgħuh in-nies ta' Ruma, kellu sehem kbir għall-burdata tajba li ħass ġo fih. Meta fil-għaxija rikeb il-ferrovija biex jerġa' lura lejn il-Ġermanja, ħarġet tislija mill-qalb bejn iż-żewġ dittaturi. Kif kienu qed jieħdu b'id xulxin Mussolini qallu: "Minn issa 'l quddiem l-ebda forza ma tkun kapaċi tifridna!"

Għajnejn Hitler imtlew bid-dmugħ.

Dan kollu kien aktar fl-isfond Mediterraneu milli Wagnerjan. Iżda Hitler baqa' mistagħġeb b'kulma ra u dan l-entużjażmu għal Ruma flimkien max-xewqa li jfaħħar lil Mussolini deher fl-okkażjoni tad-diskors tiegħu fl-ikla f'Palazzo Venezia fis-7 ta' Mejju. Tkellem fuq "Stat Ruman" maħluq minn Mussolini u wiegħed li l-fruntiera ta' l-Alpi, mibnija min-natura bejn iż-żewġ popli, trid tibqa' mħarsa u rispettata għal dejjem. Il-ħbiberija kienet se tiżgura futur prospettiv kemm għal Ruma kif ukoll għall-Ġermanja. Dan id-diskors ta pjaċir kbir lil Mussolini, l-aktar bl-identifikazzjoni ta' l-Istat Taljan il-ġdid ma' Ruma.

Fil-5 ta' Mejju qattgħu l-ġurnata f'Napli fejn thejjiet wirja navali kbira. L-aktar li spikkat kienet flotta ta' sottomarini li tat wirja ta' preċiżjoni mill-aqwa. Hitler, li tista' tgħid ma kellux qawwa navali suret in-nies, kien qed jammira kif ukoll igħir għal dawk il-frejgati u l-bċejjeċ l-oħra tal-baħar li kienu għaddejjin minn quddiemu għall-ispezzjoni. Mar lura lejn il-Ġermanja konvint illi kien x'kien l-istat ta' l-armata tagħha l-Italja kellha xi ħaġa ta' valur x'tikkontribwixxi fuq il-baħar.

Matul dawn iċ-ċelebrazzjonijiet f'dawn is-sitt ijiem, ftit li xejn kien hemm, għal darb'oħra, opportunitajiet għal xi taħdidiet politiċi. Il-problema taċ-Ċekoslovakkja ttrattawha b'mod ġenerali u Hitler ħaseb li Mussolini kien kuntent billi ħallieh jagħmel li jrid. Ħsiebu fuq l-attitudni ta' Mussolini kien tajjeb, għax wieħed seta' jara mid-diskorsi li Mussolini kien jagħmel dak iż-żmien, li ma kienx jagħti importanza liċ-Ċekoslovakkja. Kienet karatteristika tas-soltu li f'moħħu ma setax jifhem il-periklu ta' konflitt globali jew li jara li sa erba' xhur wara l-pjanijiet ta' Hitler kienu se' jqiegħdu lill-Italja f'pożizzjoni ta' mistħija u instabbiltà.

**STEPHEN J. MUSCAT**

**NOTA:**

7. Il-Bolxeviżmu huwa t-twemmin tal-membri tal-Partit Rivoluzzjonarju Russu li Lenin kien mexxieh biex laħaq fil-ħakma assoluta tar-Russja fl-1917.

# IL-ĦSIEB ORJENTALI F' "TABERNAKLI"



Tabernakli: aċċent fuq il-mistiku u l-misteru.

FL-ISTUDJU LI GĦAMEL għal *Tabernakli* (P.E.G., 1985) Joe Friggieri saħaq illi "fir-reliġjonijiet orjentali nsibu enfasi qawwija fuq l-element mistiku, waqt li f'dawk semitiċi l-enfasi hija aktar fuq l-element profetiku." Din ta' Friggieri hija osservazzjoni f'waqtha ħafna meta wieħed iqis it-taħlit ta' miti reliġjużi li niltaqgħu magħhom f'Mario Azzopardi. Friggieri jkompli jisħaq illi fil-Punent, bosta mit-twemmin orjentali saħħar lil nies magħrufa, inklużi Herman Hesse, Aldous Huxley, Jack Kerouac, C.G. Jung, Sir Arnold Toynbee, il-Beatles u Bejart.



It-twemmin orjentali jikkonċentra l-aktar fuq il-purifikazzjoni ta' l-individwu; irid ineħħi l-impurezzi li jostakolaw l-għaqda tar-Ruħ ma' l-Assolut. Din hi preokkupazzjoni preżenti l-ħin kollu f'*Tabernakli*. F'dan l-artiklu qasir huwa l-ħsieb tiegħi illi nagħti xi tagħrif bażiku dwar l-*Induwiżmu tal-Veda*, il-fonti ewlenija li tidher li nebbhet lil Azzopardi jikteb il-poeżija "orjentali" tiegħu.

Il-kotba tal-Veda, erbgħa b'kollox, huma l-eqdem u l-aktar letteratura qaddisa li għandhom l-Indo-Arjani. Dawn il-kotba jingħad illi l-oriġni tagħhom hija "eterna" u non-umana. Il-kelma *Veda* hija mnissla minn "*Vid*", li tfisser *li tagħraf, li tkun taf*. L-erba' kotba tal-Veda huma dawn:

1. *Rigveda* (il-Veda tal-Foħrija),
2. *Samaveda* (il-Veda ta' l-Għana Sagrifikali),
3. *Jajurveda* (il-Veda tal-Formula Sagrifikali),
4. *Atarveda* (il-Veda ta' l-Inkantazzjoni).

Kull Veda titqassam fi tliet partijiet: is-*Samħita*, il-*Braħmana* u l-*Upanixad*. L-ewwel taqsima magħmula minn għadd ta' talbiet litaniċi li jissejħu *mantra* (kelma li, fil-fatt, jużaha Azzopardi bħala t-titlu għal waħda mit-taqsimiet ta' l-antoloġija tiegħu). Dawn l-għanjiet kienu jitolbu għar-riżq fost il-poplu, ifaħħru tlugħ ix-xemx u jiċċelebraw il-lotta bejn l-alla tat-tjubija u l-allat tal-ħażen. Il-*Braħmana* tal-Veda kienet għanja ritwalistika, li għandha x'taqsam mhux ma' l-allat, iżda mas-sagrifiċċju tal-bniedem. Din it-taqsima tal-Veda mimlija simboliżmu. Fil-fatt, il-kelma *Braħmana* għandha ħafna tifsiriet: talba, devozzjoni, maġija u għerf, fost l-oħrajn. Imbagħad hemm it-taqsima magħrufa bħala *Upanixad*, li fin-natura tagħha hija mistika u teosofika. Ħafna studjużi jinterpretaw il-kelma *Upanixad* bħala kelma li timplika misteru u wkoll, kelma li tfisser "il-qerda ta' l-injoranza". Fl-*Upanixad* is-seħer jingħaqad ta' spiss mal-filosofija filwaqt li "Alla" (jew l-Assolut) jinħass kemm bħala "Alla personali" kif ukoll bħala "Alla impersonali".

Jista' jkun illi l-*Upanixad* huma l-aktar taqsimiet vediċi li affaxxinaw lil Azzopardi, minħabba li t-tensjoni bejn Alla umanizzat fil-poeżija tiegħu u Alla "li ma jkellmekx" (ara, *Meta Taqta' l-Fjuri*) hija waħda qawwija ħafna. Fuq kollox, it-teżi prinċipali ta' l-*Upanixad* tidher li tħaddnet ukoll minn Azzopardi. It-tema tal-qofol fl-*Upanixad* hija din: taħt id-dinja oġġettiva hemm prinċipju impersonali u assolut, magħruf bħala *Braħman* (*Braħman* = Assolut = Sustanza Impersonali); l-*Innifsi* (magħruf bħala *Atman*) huwa identiku mal-*Braħman*, iżda l-*Innifsi* ma jagħrafx biżżejjed dan il-fatt, u għalhekk taħkem l-injoranza (*Avidja*) fil-bniedem. Għaldaqstant, l-isforzi tal-bniedem f'din id-dinja għandhom ikunu sforzi li jagħrfu l-għaqda kompleta bejn il-*Braħman* u l-*Atman*, għax *Braħman* u *Atman* huma wieħed, l-istess ħaġa. Id-dinja u l-oġġetti kollha tagħha, animati jew inanimati, għandhom jitqiesu bħala irreali (mhux veri), għax l-unika verità tinsab fi *Braħman*, l-Assolut. Din it-teorija hija mfissra bi stqarrijiet importanti li huma l-qofol ta' l-*Upanixad: Tat-Tvam Asi* (li tagħraf lilek innifsek bħala identiku ma' l-Assolut); *Jien huwa Braħman; il-Kuxjenza hija Braħman; ir-Ruħ individwali hija Braħman*. Biex nifhmu aħjar it-ton mistiku u "orjentali" ta' Azzopardi nistgħu niġbru l-filosofija kollha ta' l-*Upanixad* f'dawn il-punti:



1. Id-dinja ma nħolqotx minn Alla mix-xejn (*ex nihilo*), iżda ġejja minn ġo fih u trid terġa' tispiċċa ġo fih.
2. Alla, ir-Ruħ u d-dinja huma l-istess ħaġa.
3. Kollox huwa riflessjoni ta' l-Assolut: xejn m'huwa veru ħlief l-Assolut (*Braħman*).

*Tabernakli* juri kontinwament din il-mixja, dan il-vjaġġ tal-poeta lejn l-għarfien ta' Alla. Azzopardi ma jinfluwenzax ruħu biss mill-aspett reliġjuż ta' l-orjent, iżda jħallat ukoll diversi elementi oħra, semitiċi u Kristjani (ara, ngħidu aħna, it-taqsima *Azazel*). Imma f'din il-kitba qasira ppruvajt naċċenna biss għall-mottiv imnebbaħ mill-iskritturi Buddisti Indjani.

MARYANNE GRECH



Victor Fenech

## Inkomplu nintervistaw lil
# VICTOR FENECH

***1. Inti x'aktarx meqjus bħala wieħed mill-poeti tal-ġenerazzjoni l-ġdida li l-aktar li involvew ruħhom fl-aspett soċjo-politiku tal-letteratura. Taqbel mal-fehma li ngħatat dwarek li inti poeta b'appell ġurnalistiku?***

Din qalha l-ewwel darba Peter Serracino Inglott fid-daħla tiegħu għall-antoloġija ta' poeti Maltin bl-Ingliż, *Limestone 84* (1978), u nammetti li għall-ewwel ħasditni. Ħassejt li bil-pulit, wara li bħas-soltu tkellem fuq it-triju favorit tiegħu, Massa – Mizzi – Azzopardi, kien qed igħid li l-poeżija tiegħi hi prożajka, forsi anki ċatta. (*"His idiom is consistent with the clear picturing of the situation; it is that of heightened journalism, the closest in this book to the daily use of Maltese – English"*). Meta tkellimt ma' Oliver Friggieri fuq dan il-kumment, deherlu li jien kont qed ninterpretah ħażin. Imbagħad ftakart li lil Hemingway kienu għamlulu l-istess akkuża qabel ma' l-istil tiegħu ndara u beda jiġi apprezzat. (Hemingway, wieħed mill-awturi favoriti tiegħi, kien beda l-karriera tiegħu bħala korrispondent ta' *The Toronto Star Weekly*; is-sens ġurnalistiku baqa' jinħass fl-istejjer u r-rumanzi tiegħu sa l-aħħar.)

Jien ukoll qattajt snin twal bħala ġurnalista, u kont editur ta' bosta ġurnali ta' xejriet diversi bħal *Sport Illustrated*, *Poeżija* u *Pepprin*. Bdejt bħala *sports reporter* ma' *The Bulletin* fl-1956, u f'perijodi differenti kont kritiku tal-films u tat-teatru, kif ukoll editur kulturali ma' *The Bulletin, The Voice of Malta, Malta News, The Economist, The Times of Malta* u l-MTV. Bħala ħaddiem Malti, mingħajr partit fiss, ġie li wkoll ktibt xi kummentarji soċjo-politiċi.

Il-politika tribali tal-partiti Maltin nistmerrha. Imma ma nistax naħrabha. U għax tiddeterminali ħajti, għandi d-dritt nikkummenta fuqha u anki nikkritikaha. Għalhekk il-poeżija tiegħi hi fil-qofol tagħha kummentarju soċjali fuq żmenijietna. U ngħid jien, kif jista' kittieb kontemporaneu jaħrab mill-problemi jaħarqu ta' madwaru llum? Poeta soċjali jeħtieġlu li jkun onest u jesprimi r-realtà ta' pajjiżu kif jaraha u jifhimha hu, mingħajr għamad partiġġjan, u f'termini li jinftehmu mhux jingħalaq f'labirint letterarju.

Ngħaddi għal punt ieħor. Jien ammiratur ta' l-istampa Ingliża, u f'Londra, l-aktar fl-istazzjonijiet bieżla tal-ferrovija, kont inħobb ngħarrex il-*headlines* tal-ġurnali. Bla ma naf nesprimi kif, b'mod l-aktar naturali, sibt li kont qed inżewweġ il-poeżija mal-kartelluni (per eżempju, *No Sad Songs for Martine*), mar-riklami (*On the Escalator*), u anki ma' l-attwalità u l-aħbarijiet tal-ġurnata (*Trafalgar Square, Petticoat Lane, Mid-East Diary 67*). Fl-istess perijodu ktibt serje ta' "ritratti" istantanei li aktar tard dehru f'*London Pictures*.

Fil-poeżija tiegħi bil-Malti dawn l-aspetti ma jidhrux daqshekk sfiqa, imma kitbiet bħal, per eżempju, *Pelè, Chè, München 72* u *Il-Foresta taċ-Ċedru* ma naħsibx li kienu jinkitbu kieku ma kontx ukoll ġurnalista, kommess, fost affarijiet oħra, pro-sport u anti-gwerra. Kultant naqa' fin-nassa fejn il-messaġġ soċjali jirkibli kukkużejt fuq it-teknika tal-kitba, imma kollox ma' kollox inħoss li nżomm bilanc tajjeb. Il-ġurnaliżmu serju barra l-verità tal-fatti jitlob ukoll stil dirett, ċar u konċiż.



Ernesto Chè Guevara, ħabib u kollaboratur ma' Castro, li wara l-qtil tiegħu sar l-idolu taż-żgħażagħ rivoluzzjonarji fis-snin Sittin. Impressjoni artistika ta' Luciano Micallef, maħduma apposta għall-ktieb *F'Altamira*.

Min-naħa l-oħra kien Auden li qal li l-uniku stil possibbli għall-poeta ta' llum huwa "... the wry, the sottovoce/Ironic and monochrome". Dawn it-timbri mħallta (naħseb) jeżistu sew fil-poeżija tiegħi.

Nagħlaq b'żewġ siltiet minn rivisti letterarji, għax naħseb li għandhom validità mhux biss għall-poeżija tiegħi, imma wkoll għal ħafna mill-poeti f'*Linji Ġodda:*

"(Adrian) Mitchell is a public poet... The risk he runs in choosing to shoot at contemporary targets is that when the target is removed his bullet holes go with it. He is usually saved because he is a poet". (George Melly, *"Shouting against the odds"*, *The Sunday Times* (UK), 1.3.1964).

"Poetry is becoming increasingly popular, especially amongst the young... There is in fact a 'poetry scene', if not an actual poetry boom. Subject-matter is now largely drawn from the everyday problems of living in an urban society; its language is colloquial and its tone often harsh, self-mocking, wry. Poets rarely sing, except to the pop guitar". (Patrick Anderson, *"On and off the Mersey"*, *The Sunday Telegraph*, 16.1.1972).

2. *F'karta ta' l-eżami tal-Matrikola Avvanzata reċenti (Ġunju, 1985), l-eżaminaturi staqsew għal diskussjoni dwar poeżija f'*Linji Ġodda *li "tiżviluppa ruħha (f'kuntrast) bejn* il-fiduċja *u* l-qtigħ ta' qalb". *Xtaqniek telabora dwar iż-żewġ atteġġjamenti.*

Forsi din l-attitudni jispjegaha aħjar Philip Sciberras li, f'analiżi letterarja dwar il-poeti ta' l-*Antenni*, kiteb hekk fuqi: "Il-letteratura kontemporanea hija bbażata fuq dak li jiena nsejjaħ il-kunċett ta' polarità, jiġifieri, dik it-taqtigħa djalettika bejn il-pożittiv u n-negattiv, bejn id-divin u l-uman, bejn l-assolut u x-xejn. Dan il-kunċett ta' oppożizzjoni jispikka l-aktar fil-poeta Victor Fenech... il-persunalità tiegħu hija l-essenza tal-kontradizzjoni". (*Il-Ħaddiem*, 14.5.1968).

Oliver Friggieri, fis-sehem kbir li ta lill-poeżija ta' llum, aċċenna ħafna drabi għal din id-djalettika. F'intervista riċenti dwar *Linji Ġodda*, huwa fisser li "il-poeżija Maltija tul dawn l-aħħar għoxrin sena kibret biex tinterpreta ansjetajiet u ideali ġodda (għal Malta)... interpretazzjoni li tiftiehem aħjar fil-kuntest ta' ġrajja letterarja u extra-letterarja". (*Mis-Sillabu*, Vol. 1, Nru. 4).

Fil-fatt din saret dinja ta' tensjoni kontinwa u ta' konflitti, bosta drabi bla bżonn. Is-soċjetà affluwenti, kollha frugħa u nieqsa minn bażi morali soda, qed iddur fuqha nfisha u titlob vendetta. L-għarfien ħerrielna moħħna, il-konsumiżmu qatgħalna nifisna. F'dan il-baħħ ta' eżistenza – kull wieħed waħdu fil-folla – sirna lkoll bla ma nafu nfittxu l-ħamrija li xettlitna. Ma' Martin Hedegger, il-bniedem sar iħossu bħal wieħed "miftuħ fl-eżistenza" (*geworfenheit ins dasein*).

F'dan il-kuntest ma jistax jonqos li f'*Linji Ġodda* nsibu għadd ta' poeti li nistgħu nsejħulhom il-poeti ta' l-olokawst – l-għannejja ta' dinja mtertqa b'dubji kontinwi. Agħsafar tal-malawgurju. Fl-istess ħin, minkejja dal-qtigħ ta' qalb u aktarx minħabba t-trawwim reliġjuż fi tfulithom, ħafna minhom għadhom juru 'l hinn u 'l hawn xquq irqaq ta' dawl: sinjal li t-tama moribonda għad fadlilha n-nifs. Għalhekk il-qtigħ ta' qalb u l-fiduċja, iċ-ċaħda u t-twemmin, jintrassu f'xulxin u joħolqu effett makabru ta' mewt-ħajja, ħajja-mewt.



**Pittura ta' Emvin Cremona li nebbhet lil Fenech jikteb il-poeżija "Raħal/ Barriera" (*Letteratura tat-Triq* Nru. 3, 1976)**



from *London Pictures*

Victor Fenech

Open Browning's heart — Italy.
Open mine — London.
For all it is
I love (hate)
This massive masculine city.
London : my echo.
My rainbow and my fog.

Patricia Green and Rigby Graham
Cog Press Leicester 1975

***Broadsheet*** **maħruġa f'Leicester, fejn Fenech jistqarr il-ġibda partikolari tiegħu lejn Londra. Meta ħareġ il-ktieb *London Pictures and other poems,* Lino Spiteri, ħabib intimu tal-poeta tul 25 sena u li wkoll qatta' xi żmien miegħu f'Londra, għamillu reċensjoni bit-titlu: "A Poet at his favourite shrine" (*Malta News*, 16.9.1977).**

• tkompli f'paġna 274



Kwalunkwe stil għandu t-timbru tiegħu.

# L-ISTIL FIL-KITBA TA' L-ESSAY

**X'INHU SEWWASEW L-ISTIL? Hemm min qal illi l-istil huwa "l-aqwa prova ta' l-individwalità tal-karattru uman" u hemm min qal illi l-istil huwa "ġest ta' libertà kontra l-istati riġidi u inflessibbli tal-moħħ". Jista' jkun illi, ġeneralment, l-istudenti ma jafux jagħtu definizzjoni ċara ta' x'inhu *stil*, iżda, mingħajr dubju jafu jiddistingwu bejn stil ta' kitba tradizzjonali u kitba stil eqreb lejn żmienna.**

Iżda mbagħad, fuq nota aktar sottili, mhux kull qarrej jaf jagħraf bejn stil u ieħor fil-ġurnali, jew il-finezza ta' kif l-aġenzija tar-reklamar tpoġġi l-prodott tagħha fis-suq kummerċjali. Mill-banda l-oħra, hemm sitwazzjonijiet oħra fejn l-istudenti, mill-esperjenza personali tagħhom, jistgħu jgħaddu ġudizzju dwar l-*istil*. Ngħidu aħna, l-istil ta' għalliem min ieħor jingħaraf minnufih, l-istess bħalma jingħaraf l-istil ta' rapportatur li jaqra l-aħbarijiet fuq it-televiżjoni.

Fil-fatt, hemm varjetà enormi ta' stili li nħabbtu wiċċna magħhom kontinwament fil-ħajja ta' kuljum – hemm stili differenti fl-ilbies, fl-ikel, fiċ-ċinema, fil-politika, fl-arkitettura, fid-diski, fil-mod ta' kif wieħed jistudja, fil-mod ta' kif wieħed jieħu n-noti waqt lezzjoni, f'kollox. U ma jistax jonqos illi fil-letteratura, l-istil ivarja kontinwament minn awtur għal ieħor.

Essenzjalment, l-istil jista' jfisser għamla ta' identità. Jista' jfisser il-mod li bis-saħħa tiegħu int jirnexxilek tħabbat wiċċek mad-dinja ta' kuljum, bil-problemi kollha tagħha, kbar jew żgħar. L-istil f'dan is-sens jista' jfisser il-mod li bih int taġixxi, li bih int tikkomunika, li bih tista' tkun inibit jew inkella arroganti żżejjed. Dejjem f'dan is-sens, l-istil jista' jkun ifisser somma ta' manjieri li int drajt timxi bihom fil-ħajja. Meta nużaw il-kelma *stil* f'dan is-sens, nistgħu nikkonkludu b'mod ħafif illi *kull persuna għandha l-istil tagħha.* Iżda jekk bil-kelma *stil* nifhmu dan biss, inkunu qegħdin nagħlqu t-tifsira tal-kelma. F'dan is-sens ristrett, l-*istil* jista' jfisser *ħabs*. Jekk jien ma nafx b'alternattivi, nista' naġixxi biss b'mod wieħed. Jekk jien naċċetta biss il-lingwaġġ komuni u distakkat ta' kuljum, jew jekk naċċetta l-lingwa hija biss il-lingwa li nisma' mingħand sħabi waqt il-brejk ta' l-iskola jew f'xi disko, jien inkun qiegħed ninqafel f'ħabs limitat ħafna. U jekk jien naċċetta li nitkellem kif jitkellem kulħadd, mela tkun ħaġa impossibbli li nesprimi t-talenti partikolari jew il-ħsieb oriġinali li jista' jkolli.

B'xorti ħażina, ħafna minna jaċċettaw li jilbsu għadd ta' maskri soċjali li jaħbulhom l-identità vera tagħhom, u dan igħodd ukoll għal-lingwa. Din il-maskra soċjali taf tirrestrinġi ħafna u biex tinżagħha trid ċertu kuraġġ. L-istess kuraġġ hemm bżonnu biex tinkiteb letteratura tajba.

Imbagħad hemm tifsira oħra tal-kelma *stil:* tifsira aktar pożittiva. F'dan it-tieni sens, il-kelma *stil* tfisser il-kapaċitajiet kollha li aħna nkunu akkumulajna mill-esperjenzi varji f'ħajjitna – metodi ġodda, alternattivi, teknika differenti, strateġija, flessibbiltà fil-ħsieb, proċeduri, u l-bqija. Meħud f'dan is-sens, l-*istil* huwa fattur li *jillibera:* bis-saħħa ta' din it-tieni forma ta' *stil*, nitgħallmu metodi oħra ta' kif naraw u niġġudikaw l-affarijiet, nitgħallmu kif "nesebixxu" aħjar lilna nfusna, b'ċertu karattru, b'ċerta dinamiċità, b'ċerta oriġinalità.

## L-ISTIL U L-*ESSAY*

M'hemm l-ebda dubju illi mhux kull min qiegħed jaqra dawn il-kolonni se jilħaq awtur jew poeta. Iżda hemm mumenti meta mqar lingwistikament, l-istil se' jagħżlek (jew ma jagħżlikx) minn ħaddieħor. Hawnhekk qegħdin nirreferu, fost ħwejjeġ oħra, għal meta tintalab tesprimi l-personalità tiegħek permezz ta' komponiment. Wieħed mill-ilmenti l-aktar komuni li jagħmlu l-eżaminaturi hu dan: l-istudenti ma jafux jimmodifikaw il-karattru tal-kitba tagħhom, jibqgħu fuq l-istess nota. Fi kliem ieħor, l-eżaminaturi jkunu qegħdin jikkritikaw lill-istudenti b'nuqqas ta' immaġinazzjoni jew b'nuqqas ta' ħila f'dik li tissejjaħ "manipulazzjoni lingwistika." Immaġinaw kemm tkun monotona biċċa mużika jekk il-kompożitur ma jvarjax l-iskali jew in-noti.

Li tikteb *essay* mingħajr żbalji grammatikali m'huwiex biżżejjed; ma jfissirx li qed tikteb tajjeb (u għalhekk ħafna studenti jilmentaw: "Dan kif weħilt? L-ortografija tiegħi hija tajba!"). Il-grammatika u l-orto-



Forom ta' maskri soċjali.



l-istil: ħabs jew libertà?

grafija jeħtieġu li jintużaw b'mod korrett iżda weħedhom m'humiex biżżejjed biex jagħtu s-sustanza lill-kitba tiegħek. Hija neċessarja dik li nistgħu nsejħulha "il-virtù ta' l-istil". Stil tajjeb jirrifletti dik il-kwalità li bis-saħħa tagħha l-kittieb mhux biss jesprimi ħsiebu, iżda jbiddel il-kitba f'eżerċizzju oriġinali (u possibbilment, artistiku). L-istil huwa l-fiżjonomija speċjali fil-kitba; permezz ta' l-istil, l-oriġinalità tal-kittieb tingħaraf minnufih. Hemm tliet toroq ewlenin li jwasslu għas-suċċess fil-kitba ta' l-*essay:*

1. *L-Invenzjoni:* l-istudent irid ifittex l-ideat, isibhom, irid jiskopri l-fatti, il-kunċetti, l-affetti. L-invenzjoni hija s-sejba ta' l-ideat, tas-sentimenti, tax-xbihat li jixirqu lis-suġġett magħżul.
2. *Id-Dispożizzjoni:* l-istudent jeħtieġlu jorganizza, jordna l-ħsieb tiegħu u jgħaddih mingħajr tbatija jew oskurità lill-qarrej. Id-dispożizzjoni hija l-aħjar mod li bih jingħażel u jkun organizzat is-suġġett "inventat".
3. *L-Elokuzzjoni:* il-lingwaġġ jew l-"elokju", mogħni b'vokabularju originali u toni jew skali li jvarjaw, L-elokuzzjoni trid tirrappreżenta l-espressjoni tal-ħsieb b'mod dinamiku.

## L-EDUKAZZJONI TOTALI

Fl-aħħarnett irridu ngħidu illi dawn l-istudenti li jqisu li l-edukazzjoni tfisser biss *istruzzjoni*, jinsabu mill-bidunett f'pożizzjoni ta' żvantaġġ serju. L-edukazzjoni trid tkun *totali*, miftuħa għall-ġudizzji, miftuħa għall-argumenti. Trid tkun edukazzjoni informata, mgħarrfa bil-fenomeni moderni li jaffettwaw id-dinja ta' l-adulti u mhux tat-tfal iż-żgħar. Trid tkun edukazzjoni li tifhem il-fenomeni ta' l-inflazzjoni ekonomika, il-motivazzjoni ta' l-istrajkijiet fuq il-postijiet tax-xogħol, il-ħasil-il-moħħ tal-mezzi tal-komunikazzjoni, il-gwerer internazzjonali, it-taxxi, il-kriminalità, il-psikoloġija konsumista, id-dibattitu dwar l-għawm *topless*, il-korruzzjoni fil-futbol, il-burokrazija, u oħrajn. Il-kunċett ta' l-edukazzjoni f'moħħ l-istudenti qatt m'għandu jkun jixbah lil xi fabbrika li tlesti lill-istudenti fuq il-konvejer-belt, bħallikieku xi flieles tal-logħob.

**J.C. BRIFFA**



Jeħtieġ li jkun hemm edukazzjoni totali minflok istruzzjoni.

jissokta minn paġna 271

# • V. FENECH

**Minbarra dak soċjo-politiku, it-tensjoni fl-imħabba huwa element ieħor fil-poeżija ta' Fenech. Tlieta mill-poeżiji li hu rappreżentat bihom f'*Linji Ġodda* (nri. 22, 23, 33) nibtu minn esperjenzi li fis-Sittinijiet qasam ma' Irene Buckwell (ritratt), illum martu. Għandhom żewġt itfal: Karl (13) u Kristine (9).**



*3. X'taħseb li ġara fil-poeżija Maltija minn* Linji Ġodda *(1973) sa llum?*

Hawnhekk ikolli nammetti li nħossni nqtajt ftit sew mix-xena letterarja, għad li naf fiċ-ċert li ebda moviment ġdid ma nibet biex iqanqal interess fuq skala relattivament wiesgħa, bħalma ġara f'Malta fl-1966. Terġa' u tgħid, il-politika ddominat kollox. Il-leħen waħdieni li jinstema' sar dak tal-politiku – ħafna drabi leħen ta' firda, ta' pika, ta' mibegħda, ta' ipokresija. F'dan il-proċess ta' tibdil soċjali, uħud mill-poeti tas-snin Sittin mietu (metaforikament), oħrajn ħadu pożizzjoni 'komda', l-aħjar fosthom żviluppaw kadenzi ġodda u aktar sottili, waqt li fuq ix-xefaq fewġu xi ismijiet ġodda li nixtieq għandi l-ħin neżaminahom aktar bir-reqqa. Imma dan id-dispramment mutu li nħoss ġo fija jmewwitli l-interess. Il-ftit kitba li għadni nikteb niktibha għax kultant xi ħsieb jersaq fuqi bis-saħħa ta' urugan u ma nistrieħx qabel ma nkun sraqtlu xi ftit mill-qawwa tiegħu fuq biċċa karta.

Hawnhekk nixtieq ngħid li jien m'għadni f'ebda moviment, u ma ngħodd ma' ebda għaqda jew grupp letterarju. Fl-imgħoddi tant urtawni ċerti piki personali li ddeċidejt darba għal dejjem li nterraq it-triq kollha waħdi. U dawn il-kunflitti ċkejkna ma nsibuhomx f'Malta biss. Isimgħu lill-kritiku magħruf A. Alvarez jikkummenta dwar ix-xena Anglo-Amerikana: "Asked why the poetry world is so invariably nasty, an elderly American poet replied, 'Because there's no money in it.' Vanity, he was implying, is its own and its only reward, since real achievement and even popularity are, like virtue, rare and uncertain. The only thing that bolsters the moral of what Patrick Kavanagh once called 'the standing army of poets' (he numbered the Irish division at 10,000) is the dubious glory of the title, 'poet'. Hence the fierce rivalries and feuds, the bitchery, the jostling for power and reputation, the unspeakable envy. No doubt it is as bad in the other arts, but nowhere else is it quite so prominent. The makers of fourth-rate movies can, at least, console themselves with their bank accounts; fourth-rate poets have nothing but their conceit." ("... *and the poetry game*", *The Observer Review*, 2.1.1972).

Kliem iebes. U jekk f'Malta ma wasalniex f'dan l-istat, ir-raġuni hi li fil-fond ta' qalbna nħossu li l-'barriera' komuni huwa l-poplu apatetiku Malti. Kemm studenti, per eżempju, jibqgħu jaqraw l-awturi Maltin wara li jkunu 'ħelsu' mill-Matrikola? Min-naħa l-oħra tajjeb li nżommu quddiem għajnejna li wisq Maltin jinnamraw mal-Muża u jippretendu li huma 'poeti'. Sirna soċjetà tad-dilettanti, poeti tad-diplomi, priġunieri tal-vanità. Inkunu sinċieri magħna nfusna u noqogħdu attenti li ma nsirux bħal dawk li Maurice Wiggins sejjaħ "poetasters and miniliedersingers, the twittering mice who have 'poetic feelings' and think that's enough to make them poets." (*"Poetry or punch-up?"*, *The Sunday Times* (UK), 3.4.1966).




Ernest Hemingway, wieħed mill-ġganti tal-letteratura moderna. L-istil ġurnalistiku tiegħu kien qajjem kontroversja sħiħa. Kellu influwenza qawwija fuq Victor Fenech.



## • ELLUL MERCER

jissokta minn paġna 265

importanti li jikkundanna l-kapriċċi tal-mexxejja ta' l-Ordni tal-Kavalieri ta' San Ġwann f'Malta fis-seklu 16.

Ellul Mercer ilmenta illi t-tfal fl-iskejjel kienu mgegħlin jibilgħu ħafna stejjer dwar il-glorja tal-Kavalieri, iżda mbagħad, ftit li xejn kienu dawk l-istudenti ta' l-istorja ta' Malta li kienu jafu illi kien hemm żmien meta l-Maltin kienu qegħdin imutu bil-ġuħ bir-rata ta' wieħed minn kull għaxra. U dan, meta Gran Mastri bħall-Kardinal Hugo de Verdalle, kien aktar interessat fil-bini ta' kastelli u palazzi maestużi milli fil-qagħda miżera tal-poplu Malti. Ellul Mercer ifakkar illi fis-sena 1591 biss, tlitt elef Malti, minn popolazzjoni ta' tletin elf, mietu bil-ġuħ. Nisiltu din is-silta mill-oriġinal ta' Ellul Mercer kif imxandra f'*The Knight*, u li turi kif l-awtur kien jitbikkem hu u jiftakar kif kienu ttrattati missirijietna:

> *"They must have witnessed, in despair, their children with skeleton limbs dangling from balloon-like abdomens, with every vestige of youth wiped out from their little faces. Old men and women who had lived the immortal and heroic days of 1565, must have awaited an atrocious death, their faces and their stomachs bloated, their eyes utterly expressionless; their hopes dead."*

Ellul Mercer imbagħad igħaddi biex ifakkar kif, madwar 10 snin jew

Charles Dickens





**Bħal Dickens, Ellul Mercer kiteb dwar il-miżerabbli tas-soċjetà.**




**Il-ħarġa ta' *The Knight*, Settembru 1953, fejn Ellul Mercer ippubblika l-artiklu tiegħu *"The Human Gamble"*.**

ħdax-il sena qabel, sewwasew fir-rebbiegħa tal-1942, huwa nnifsu kien baqa' impressjonat bit-tbatija kbira li kien jaqra fuq l-uċuħ ta' ħutu l-Maltin fi żmien l-eqqel tal-gwerra. L-awtur ifiehem kif kien jixxokkja ruħu meta jiltaqa' mal-ħbieb u l-qraba, nixfin għuda bil-ġuħ.

> *"Haggard faces stared at you from deep-set and sleepless eyes, and with a forced ironic smile, some would even ask how we were managing with seven ounces* (appross. 200 gramma – *L-Editur) of bread a day and the stuff that went by the name of vegetables."*

Ix-xeni ta' żmien il-gwerra baqgħu impressjonati f'moħħu: fl-istess artiklu li qegħdin insemmu, Ellul Mercer ifakkar x'diqa ħass meta ra mara mill-Gżira taqla' xebgħa min-għand tal ħobż għax ippruvat tisraqlu loqma minn fuq il-karrettun. Episodju ieħor li ftakar Ellul Mercer kien dak dwar raġel liebes pulit li kien bil-wieqfa maġenbu, iħares imxennaq lejn il-biċċa ħobż li kien qiegħed jiekol l-awtur bħala l-ikla tiegħu għal dak in-nhar. Ellul Mercer qabad u tah il-ħobż b'kollox. L-artiklu ta' *The Knight* jagħlaq bi kliem addattat ħafna minn Dostojevski, awtur meqjum immensament minn Ellul Mercer u li jitfaċċa sewwa f'*Leli ta' Ħaż-Żgħir*. Fir-rumanz immortali (il-kelma hija ta' Ellul Mercer innifsu) *L-Aħwa Karamazov*, Dostojevski jistaqsi lill-Inkwiżitur:

> *"Taf xejn li għad igħaddu ż-żmenijiet u l-umanità, bis-saħħa tal-għorrief tagħha, għad tip-proklama illi d-delitt ma jeżistix, u għaldaqstant ma jeżisti l-ebda dnub. Jeżisti biss il-ġuħ."*

Is-sensittività ta' Ellul Mercer favur il-kotra batuta kienet saħansitra wasslitu biex ikun magħruf bħala "Id-Dickens Malti" (ara, Levanzin, *In-Naħla*, Jannar, 1928). Bħal Dickens, Ellul Mercer kien moralista li uża l-letteratura biex juri t-tbatija ta' ċerti taqsimiet ta' nies li kienu kkundannati biex igħixu fil-miżerja u f'injoranza liema bħalha. Bħal Dickens, Ellul Mercer kien fl-avan-gwardja tar-realiżmu soċjali, kemm bħala letterat kif ukoll bħala politiku mmexxi minn sens sinċier ta' moralità u ta' serjetà kbira.

RICHARD CREMONA

minn ERIC GATT



Pietru Caxaro

# ANALIŻI TA' L-ILSIEN MALTI

X'INHU L-MALTI? Għall-istudenti tal-Għarbi bħal Nahmad u Haywood il-Malti hu djalett Għarbi, bażikament lingwa ta' entità b'varjazzjoni lokali. Jekk inwessgħu u nġebbdu t-tifsira ta' djalett nistgħu nsejħu l-Malti bħala djalett tal-Għarbi iżda dan ma tantx japplika wisq għaż-żminijiet ta' llum. Kien aktar japplika għall-istat ta' l-ilsien Malti mitejn sena ilu meta l-vokabularju Rumanz ma kienx daqshekk numeruż u meta l-element Anglo-Sassonu ma kienx jeżisti fl-ilsien Malti.

Jekk noqogħdu fuq il-vokabularju ta' De Soldanis li kiteb u ġabar fid-*Damma tal-Kliem Kartaġiniż Imxerred fil-Fomm tal-Maltin u l-Għawdxin* (ċ. 1760), il-vokabularju kien sebgħa jew tmienja għal kull wieħed favur il-vokabularju Għarbi. Jekk immorru iżjed lura fl-ewwel dokument tal-Malti miktub li nafu bih, i.e. il-*Cantilena* ta' Pietru Caxaro (ċ. 1485), insibu li f'poeżija ta' għoxrin vers, kelma waħda biss fiha mill-element neo-Latin, il-kelma "vintura" (xorti) waqt li fil-poeżija ta' Buonamico li ddedika lill-Granmastru Kottoner (ċ. 1660–70) ma fiha l-ebda kelma mill-element Rumanz. Dawn huma kollha provi li t-tabella ta' djalett ta' l-Għarbi kienet aktar tgħodd għall-Malti mitejn sena ilu u iżjed, milli llum.

## ANALIŻI TA' L-ELEMENTI LI JSAWRU L-MALTI

Biex wieħd jifli sewwa u jgħarbel l-elementi tal-Malti wieħed irid iżomm f'moħħu illi l-ilsien tal-pajjiż jintrabat mal-Ġografija fiżika u jirrifletti l-ġrajjiet tal-poplu li jużah. Malta tinstab fiċ-ċentru tal-Mediterran u l-ġrajja ta' Malta tirrifletti l-ġrajja tal-Baħar Nofsani. Bla dubju ta' xejn illum il-ġurnata l-ilsien Malti magħmul mill-fużjoni ta' tliet elementi distinti illi fil-fużjoni tagħhom taw lil dan l-Ilsien il-karatteristiċi tiegħu. Kien hemm ħafna nies illi fi żmienhom taw id-definizzjoni ta' x'inhu l-Malti iżda dawn kienu kategoriċi wisq u xeħtu l-aċċent jew fuq element jew fuq ieħor. Il-Malti llum magħmul minn tliet elementi distinti illi għalkemm kull wieħed minnhom fl-entità ġeografika tiegħu huwa magħżul mill-ieħor, meta ħabtu ġewwa Malta dawn tħalltu flimkien biex sawru l-Malti. Dawn it-tliet elementi huma:

i. il-għajn Semitika jew Għarbija,
ii. il-għajn Rumanza jew Neo-Latina jew aħjar, Sikulo-Taljana,
iii. il-għajn Anglo-Sassona.

Kif diġà għedna qabel, minħabba li l ilsien huwa ħaġa ħajja illi qiegħed fi stat ta' tibdil kontinwu, wieħed irid jistabbilixxi ż-żmien u f'dak iż-żmien stabbilit irid jagħmel analiżi totali tal-morfoloġija, tas-sintassi, tal-grammatika, tal-vokabularju u tas-semantika. M'hux tassew illi lsien għandu l-istess karatteristiċi llum bħalma kellu mitejn sena ilu. Wieħed ma jistax japplika n-normi tal-Latin, illi kienu japplikaw għall-epoka tad-deheb tal-letteratura Latina, għall-Malti. Ma jistax wieħed jiġġudika xi ħaġa ħajja bl-istess kriterji li jiġġudika bihom kadavru. Ħafna studjużi ppruvaw jiddefinixxu u jgħidu x'inhu l-Malti, iżda n-nuċċali ta' ħafna minnhom kien imtappan u mdallam b'xi preġudizzju.

Nibdew bil-kitbiet ta' Ġan Pietru Franġisk Agius Sultana, Għawdxi li llatinizza ismu u minn Sultana għamlu De Soldanis. Qablu nafu li kien hemm kitbiet bil-Malti iżda dawn intilfu. Hawn qegħdin nħallu barra lil Abela, Pietru Caxaro u Buonamico għax mill-kitbiet tagħhom ma nistgħux nifformolaw ġudizzju sewwa iżda nistgħu naslu għall-konklużjoni illi l-Malti kien qrib ħafna l-ilsien jew ilsna Semin. Għal De Soldanis il-Malti kien Puniku awtentiku, tant hu hekk li fl-1750 f'Ruma ppubblika grammatika u dizzjunarju żgħir f'volum li semma *"Della Lingua Punica Presentemente Usata dai Maltesi ovvero nuovi documenti"*. Wara din il-pubblikazzjoni ddeċieda illi jiġbor dizzjunarju li fih 'il fuq minn 1600 daħla u semmieh *"Damma ta' Kliem Kartaġiniż Imxerred fil-fomm tal-Maltin u l-Għawdxin"*.

Dan kien dizzjunarju etimoloġiku u enċiklopediku. Wieħed irid iżomm f'moħħu li f'dak iż-żmien (1760) ġo l-Ewropa, speċjalment ġo Franza kien hemm dak il-moviment kbir li ssejjaħ l-Enċiklopediżmu jew tal-Enċiklopedisti fejn ġemgħat ta' għorrief bdew jiġbru u jdommu flimkien għerf il-bniedem. Dan tnissel minn teorija ta' John Locke. Din kienet dik ta' l-*Enlightenment* jew ta' l-Illuminiżmu, jiġifieri d-dawl tar-Raġuni jkeċċi 'l barra d-dlam ta' l-Injuranza. Irridu nżommu f'moħħna illi fl-1768 is-soċjetà tal-galantomi fl-Iskozja magħrufa bħala *"A Society of Gentlemen in Scotland"* stampaw f'Edinburgh għall-ewwel darba l-famuża *Enċiklopedija Brittanika* li s-sotto-titlu tagħha kien *A Dictionary of Arts and Sciences compiled upon a new plan in which the different sciences and arts are digested into distinct systems and the various technical terms are explained as they occur in order of the alphabeth.*

De Soldanis kien diġà għamel dan tmien snin qabel meta ġabar id *Damma*. Barra din kien hemm ukoll il-famuża akkademja *della Crusca* fl-Italja u din ippubblikat speċi ta' enċiklopedija ta' kobor kbir. De Soldanis ta l-verżjoni tiegħu ta' x'ħaseb li kien il-Malti: għalih kien Puniku Awtentiku jew Lhudi. Hekk naraw li meta jagħti l-kelma fil-Malti,

jagħti wkoll il-verżjoni tagħha (imma miktuba bl-alfabett Latin) bil-Lhudi ("alla 23r alla n.s.m.in ebr. *bahal* – idin. L. *Deus*). Għal De Soldanis il-Puniku u l-Lhudi huma l-istess u l-Malti ġej mill-Puniku.

Kien ikun aktar korrett li kieku qal li l-Malti kien Semitiku meta fid-*"Della Lingua Punica"* ddeskriva l-alfabett Malti wkoll, jew għamel ukoll studji komparattivi bejn il-ħsejjes ta' l-ittri Maltin jew l-alfabett kif ipproponieh hu u l ittri Għarab. Illum ngħidu li De Soldanis kien żbaljat fit-teorija tiegħu tal-Malti Puniku dment li ma jinqala' ħadd biex jipprova li kellu raġun. Wieħed irid ifakkar li De Soldanis kiteb fuq il-Malti għat-Taljani jew għal dawk li kienu jafu bit-Taljan u l-Latin, speċjalment fid-*Damma* għax jagħti etimoloġija tal-kelma u t-tifsira bit-Taljan u bil-Latin, barra ħafna informazzjoni oħra. Fix-xieraq u s-sewwa rridu ngħidu li De Soldanis ma ħalliex barra kelmiet mit-Taljan. Dawn minnhom hemm xi mitejn waħda.



**Il-Grammastru De Rohan**

## Mikiel Anton Vassalli

Wara De Soldanis inqala' xi tnejn u għoxrin sena wara Mikiel Anton Vassalli, li kien Żebbuġi, u bħal De Soldanis ta' qablu llatinizza ismu u minn Vassallo għamlu Vassalli. L-importanza ta' Vassalli hi aktar fil-qasam soċjali milli fil-qasam lingwistiku. It-tagħlim tal-lingwa Maltija għal Vassalli kien aktar marbut ma' pjan organiku-soċjali milli eżerċizzju pjuttost filosofiku bħalma x'aktarx kien għal De Soldanis. Fil-kuntest politiku Vassalli għandu sehem kbir iżda fil-qasam lingwistiku jew ma kienx ċar biżżejjed jew kien soġġettiv iżżejjed.

Fi żmien il-ħakma ta' De Rohan, il-Grammastru ta' qabel ta' l-aħħar, Vassalli ried jiftaħ skola biex igħallem il-Malti lill-Maltin u mhux bħal De Soldanis li ried igħallem il-Malti lill-barranin. Kien iżjed preġudikat favur l-għajn Semitika tal-ilsien Malti. Fejn De Soldanis kien igħid li l-Malti ġej mil-Lhudi, għal Vassalli li kien aktar korrett, kien iżjed ixaqleb lejn l-Għarbi u kellu t-tendenza li jelimina l-element Rumanz fil-Malti. M'hemm l-ebda dubju li l-Malti, fi żmien Vassalli, speċjalment bħala l-lingwa tal-popolin, kienet għadha fil-parti l-kbira semitika. L-element soċjali f'Vassalli nistgħu narawh fid-daħla tad-dizzjunarju tiegħu, il-*Mylsen*, fil-parti *"Discorso alla Nazione"*.

Vassalli kien jaf li ma setax juża alfabett purament Taljan biex fih ifisser il-Malti għax fil-Malti semitiku, hemm ċerti ħsejjes li fit-Taljan ma jeżistux, aħseb u ara simbolu għalihom. Hekk Vassalli ħoloq simboli ġodda biex ifisser dawn il-ħsejjes li jeżistu biss fil-Malti u l-Għarbi. Minħabba fatturi politiċi u minħabba l-imprattikabbiltà tal-alfabett li uża, is-sistema ta' Vassalli qatt ma setgħet tieħu r-ruħ; għal eżempju ta' kif Vassalli ppropona l-kitba tal-Malti ara *Methods of Maltese Orthography* fil-*Papers in Maltese Linguistics* (1962) u għandek issib eżempji ċari.

Fl-1815 Malta ġiet ikkonfermata kolonja Ingliża meta f'Malta kien hawn il-gvernatur Sir Thomas Maitland (1813–1824) magħruf ukoll bħala "King Tom". Il-proposta li Malta terġa' tingħata lill-Kavalieri



**Hookham Frere: interessa ruħu fil-lingwa tal-Maltin.**

spiċċat darba għal dejjem kif kienet proposta fit-Trattat ta' Amiens tal-1802 bejn Franza u l-Ingilterra, kif spiċċat ukoll il-ħolma tan-nobbiltà antika Maltija li Malta terġa' ssir parti mir-Renju taż-Żewġ Sqallijiet. Malta saret formalment kolonja Ingliża u l-*Colonial Office* ried imexxi bl-aktar mod effiċjenti u bl-akbar serenità. Jista' jagħti l-każ li f'moħħ il-Gvern Ingliż kien għadu jidwi l-ħsieb ta' b'liema ħeffa l-Maltin kienu qamu kontra l-Franċiżi. Waħda mill-affarijiet li setgħet bdiet tinkwieta l-Gvern kienet il-lingwa uffiċċjali ta' Malta u l-edukazzjoni. Ta' min ifakkar li f'Malta dak iż-żmien ma kienx hawn parlament iżda gvernatur u xi kunsilieri. Kien hawn ukoll liġi ħarxa taċ-ċensura. Il-Gvern biss kellu d-dritt jippubblika f'Malta. Kien fl-1839 li ħarġet il-liġi tal-Libertà ta' l-istampa, fejn kulħadd seta' jippubblika basta ma jiksirx il-liġi tal-Libell.

Ta' min isemmi li kien hawn personalitajiet kbar bħal Hookham Frere li interessaw ruħhom ħafna fil-Malti. Fl-1836, il-Gvern Ingliż bagħat f'Malta Kummissjoni Rjali biex tagħmel ir-rapport *The Austin and Lewis Report*. Dan jagħti ħjiel ta' kif raw din il-problema tat-Taljan u l-Malti f'Malta.

**ERIC GATT**

# IR-RABTA BEJN KARATTRI U UDJENZA FIT-TEATRU (3)

**minn Ġużè Diacono**

• jissokta minn paġna 257



**Xena minn *Il-Ħajja ta' Galileo* ta' Bertolt Brecht – versjoni bil-Malti diretta minn Mario Azzopardi (Marzu, 1986).**

**DAWN IT-TERMINI** ma tridx wisq biex tifhimhom letteralment. Il-kelma *"anti-"* tfisser "kontra" – mela "poeżija li tmur kontra l-poeżija", "rumanz li jmur kontra r-rumanz", "dramm li jmur kontra d-dramm". Madankollu, imfissrin letteralment, dawn it-termini ma fihomx sens. Dak li għandna nifhmu meta nisimgħu jew naqraw dawn it-termini huwa poeżija, rumanz jew dramm miftumin mill-kriterji klassiċi u tradizzjonali tal-forma u l-espressjoni, biex ma ngħidx tal-kontenut ukoll. B'mod speċjali, dawn il-movimenti jagħtu l-ġenb lir-realiżmu u l-emozzjoni. Din ir-rivoluzzjoni kontra l-valuri tradizzjonali bdiet biex tiċħad l-illużjoni perfetta tar-realtà. It-Teatru ta' l-Assurd ta' Becket u Ionesco u sħabhom irroftaha impliċitament meta qatagħha favur l-espressjoni assurda tal-veritajiet tal-ħajja; Brecht ħareġ kontrieha b'wiċċu minn quddiem meta ppreżenta t-teatru epiku-pikaresk tiegħu, ibbażat fuq l-enfasi drammatika u epika. Mhux talli esponieha bħala duttrina drammatika fil-kitba tiegħu, iżda saħansitra esponieha bil-fatti meta waqt dramm minn tiegħu ħareġ fuq ir-ribalta jvenven folja taż-żingu u jdoqq diska biex jirriproduċi s-*"sound effects"* li kellu bżonn. B'dan il-mod ried jiżgura li l-udjenza ma tinsiex li kienet qed tara mhux realtà iżda spettaklu.

Madankollu, Brecht ma kisibx l-effett li ried – l-udjenza nfexxet tidħak, u l-esperiment ma reġax għamlu. Dak li ried Brecht kien li l-udjenza ma tinsiex li qiegħda f'teatru, li fuq il-palk hemm atturi mhux persuni, li bejnha u l-atturi hemm ribalta, li r-realiżmu fl-esperjenza drammatika m'hix bejn udjenza u karattri, iżda bejn atturi u spettaturi – anzi spettaturi mhux emozzjonati, b'moħħhom kalm biex ikunu kapaċi jirraġunaw u jkejlu l-loġika ta' dak li jisimgħu u jaraw.

B'din it-teorija tiegħu tal-*Verfremdung* – terminu li mhux lakemm taqilbu mill-Ġermaniż, imma li, bi ftit tal-libertà, tista' tinterpretah bil-kelma "aljenazzjoni" fis-sens li l-udjenza tkun aljenata, maqtugħa, magħżula mill-karattri ta' l-azzjoni drammatika – Brecht insista li l-udjenza għandha tqis u tiżen, mhux tħoss. Fl-istudju tiegħu *It-Teatru Modern huwa t-Teatru Epiku*, Bertolt Brecht għażel bejn it-teatru drammatiku u t-teatru epiku. Għalih fit-teatru drammatiku hemm plot, fit-teatru epiku hemm narrattiva. Fl-ewwel wieħed, l-udjenza hija involuta f'dak li jiġri fuq il-palk, fl-ieħor, il-membri tal-udjenza jagħmlu l-parti ta' osservaturi. Skond Brecht, it-teatru drammatiku jipprovdi lill-udjenza t-tiġrib, is-sensazzjoni, li jissuġġerilu jew jissuġġestjonah, jibnilu fuq il-ħsus istintivi, ixierku u jorbtu ma' dak li jiġri fuq il-palk. Jiġri li l-udjenza għall-mument titlef is-setgħa li tirraġuna perfettament, l-emozzjoni teħdilha post il-loġika. It-teatru epiku ta' Brecht, għall-kuntrarju, iħalli lill-udjenza s-setgħa li taħseb u tasal f'konklużjoni, anzi jġagħalha tasal f'deċiżjoni dwar dak li jkun jesponilha. Flok suġġestjoni jagħtiha argumenti, u jħalliha lilhinn mir-ribalta, 'il barra mill-palk u dawk li jkun hemm fuqu.

Fit-teatru drammatiku, jibqa' sejjer Brecht, il-bniedem hu dak li hu, dak li dejjem kien, il-bniedem ma jinbidilx fin-natural tiegħu; fit-teatru epiku l-bniedem huwa suġġett ta' stħarriġ, għax jista' jinbidel u għandu ħila jinbidel. Fit-teatru drammatiku, il-bniedem huwa punt fiss f'determiniżmu evoluzzjonarju, l-eżistenza tiegħu tiddependi minn dak li jaħseb u li jħoss. Għall-kuntrarju, Brecht fit-teatru epiku tiegħu jinsisti li l-bniedem huwa proċess, li l-ħsieb huwa determinat mill-bniedem soċjali, mill-bniedem li għandu ħila jirraġuna.

M'hemmx għalfejn ingħid li Brecht ma kellux f'rasu antiteżi assoluta bejn it-teatru li sab u dak li ried joħloq hu. Il-fruntieri fl-arti drammatika, bħal f'kull fergħa oħra tal-letteratura, mhux lakemm tistabbilihom. Dak li kellu f'rasu huwa aktarx fejn jew fuqiex titqiegħed l-enfasi. Ngħidu aħna, jekk permezz ta' l-azzjoni drammatika rridu nikkomunikaw fatt, nistgħu nagħżlu bejn is-suġġestjoni emozzjonali u l-argument razzjonali sempliċi.

Mill-bqija, anqas Brecht innifsu – li kiteb ħafna drammi u ħafna teoriji, u bosta drabi mar kontra dak li kien ikun ippriętka ftit qabel – ma qagħad għal kollox fuq dawn il-konklużjonijiet relattivament bikrin fil-karriera twila tiegħu. Jekk osservahom, ngħidu aħna, fis-serje ta' drammi li semma *Parabbli għat-Teatru*, ma nistgħux ngħidu li għamel l istess meta kiteb *Il Ħajja ta' Galileo*, li, bla dubju ta' xejn, ma tistax titqiegħed fl-ambitu tal-"anti-theatre", bħalma xi wħud mid-drammi ta' Ionesco – li ħambaq dejjem favur l-"anti-theatre" – huma wisq aktar konvenzjonali milli jidhrilha ċerta kritika.

• jissokta f'ħarġa oħra

# خطوة خطوة إلى المستوى العادي (٨)
# Pass pass lejn il-Livell Ordinarju (8)

• jissokta minn paġna 264

Biex insaħħu dak li diġà tgħallimna sejrin nagħtukom l-ittri ta' l-alfabett kollha bit-tibdiliet tagħhom meta dawn jinkitbu fil-bidu, fin-nofs u fl-aħħar.

| IV<br>**Fl-Aħħar** | III<br>**Fin-Nofs** | II<br>**Fil-Bidu** | I<br>**Weħedhom** |
|---|---|---|---|
| bħal I | bħal I | bħal I | |
| bħal I | bħal II | بـ | ب |
| bħal I | bħal II | تـ | ت |
| bħal I | bħal II | ثـ | ث |
| bħal I | bħal II | جـ | ج |
| bħal I | bħal II | حـ | ح |
| bħal I | bħal II | خـ | خ |
| bħal I | bħal I | bħal I | د |
| bħal I | bħal I | bħal I | ذ |
| bħal I | bħal I | bħal I | ر |
| bħal I | bħal I | bħal I | ز |
| bħal I | bħal II | سـ | س |

| Fl-Aħħar | Fin-Nofs | Fil-Bidu | Weħedhom |
|---|---|---|---|
| bħal I | bħal II | شـ | ش |
| bħal I | bħal II | صـ | ص |
| bħal I | bħal II | ضـ | ض |
| bħal I | bħal II | طـ | ط |
| bħal I | bħal II | ظـ | ظ |
| ـع | ـعـ | عـ | ع |
| ـغ | ـغـ | غـ | غ |
| bħal I | bħal II | فـ | ف |
| bħal I | bħal II | قـ | ق |
| bħal I | bħal II | كـ | ك |
| bħal I | bħal II | لـ | ل |
| bħal I | bħal II | مـ | م |
| bħal I | bħal II | نـ | ن |
| ـه | ـهـ | هـ | ه |
| bħal I | bħal I | bħal I | و |
| ـى | bħal II | يـ | ى |

**Nota:- L-ittri b'tipi griżi ma jingħaqdux ma' ta' warajhom**



# *Minghand il-Qarrejja*

Prosit għat-tweġibiet mudelli li qegħdin tagħtuna fir-rivista. Issa li wasal l-eżami nixtiqukom tagħtuna aktar minnhom għax fil-klassi ma jagħtuna xejn l-għalliema tagħna. Ħlief naqraw il-kotba ta' l-eżami ma nagħmlux!

**Janet Ebejer**
**L-Imdina**

Għadu kemm ġie f'idejja l-artiklu ta' Mario Costa (*Mis-Sillabu*, Vol. 2, Nru 3) dwar ir-realiżmu fir-rumanz tiegħi *Nirien ta' Mħabba*. Irrid ngħidha mill-ewwel li m'għandi ebda ħsieb nidħol f'polemiki u rrid nirrispetta l-opinjoni li Mario Costa esprima dwar ir-rumanz tiegħi. Kulħadd għandu d-dritt jesprimi l-opinjoni tiegħu, favur jew kontra, tajba jew ħażina. U jien nilqa' kull kritika jew suġġeriment li jsir għax-xogħlijiet tiegħi. Għaliex le?

Hu minnu li kien iddikjarajt u nkompli niddikjara li fil-biċċa l-kbira tar-rumanzi, novelli u drammi tiegħi bnejt fuq l-element tar-realiżmu fl-ambjentazzjoni ta' fatti u ta' viċendi individwali u soċjali li jien slitt sew minn ġrajjiet personali kemm ukoll minn esperjenzi umani. Dan għamluh qabli Ġużè Ellul Mercer, Juan Mamo u t-tabib Ġużè Bonnici. Imma l-fatt li wieħed isib, kif għamel Mario Costa fir-rumanz tiegħi *Nirien ta' Mħabba*, rumanz ta' 388 paġna kif deher fl-ewwel edizzjoni, xi kelma jew espressjoni li hu qed jinterpreta li m'hijiex realistika, ma jfissirx li b'dik il-kelma jew espressjoni se' jiġġarraf il-pedament tar-realiżmu.

Ifittex Mario Costa fl-awturi li semmejt hawn fuq u li jien inqis awturi magħrufa *per eccellenza* għar-realiżmu tagħhom, u jara jsibx xi kelma jew espressjoni u wkoll inċidenti sħaħ li ma tistax tgħidilhom purament realistiċi.

Jista' jew ma jistax ikun li karattri bħal Martin, Lija, Marija u oħrajn eżistew tassew? Hemm xi episodji ta' ġlied, għira u mħabba li ma ssibhomx jekk tfittex fil-ħajja ta' lbieraħ u ta' llum, u nħossni żgur ukoll fiż-żmien li ġej?

Kif tista' awtur tneżżgħu mill-karatteristika naturali tiegħu għax tkun sibt xi espressjoni jew ukoll xi mument fil-ħajja twila letterarja tiegħu li ma jkunx jaqbel mal-kwalitajiet proprji tiegħu? Tista' lil Dun Karm ma ssejjaħlux poeta mija fil-mija ottimista għax kiteb xi poeżija jew tnejn b'tendenzi pessimistiċi? Inkella lil Rużar Briffa jew Karmenu Vassallo li kitbu mhux poeżija jew tnejn b'ton pessimistiku imma li għandhom ġmiel ta' poeżiji li ħarġu spontanei f'mument ta' ottimiżmu spiritwali?

B'dankollu nista' ngħid lil Mario Costa illi jien m'għandi ebda pretensjoni li r-rumanz hu perfett. U liema rumanz, liema kitba, hi x'inhi, hi għal kollox bla nuqqas 'il hemm u 'l hawn? F'dan ir-rumanz jien immirajt fuq kollox għall-oriġnalità fit-trattament tas-suġġett. Safejn naf jien ebda rumanz ma jiġbor il-ħajja ta' familja rakkontata mill-istess membri tal-familja, kull wieħed għalih. Jekk Mario Costa jaf b'xi rumanz ieħor ta' din ix-xorta, bil-Malti jew b'xi lingwa oħra, nieħu pjaċir jekk igħidli.

Mario Costa qabad punt jew tnejn mir-rumanz u tkellem fuqhom kif ħass u kif deherlu hu. Kulħadd jifhimha kif irid, u jien nirrispetta l-opinjoni ta' kulħadd. Imma seta' Mario Costa tana wkoll, minbarra l-kustjoni tar-realiżmu, l-opinjoni tiegħu wkoll dwar dak li hu stil, ambjent u sfond lokali, dwar il-folklor li jien tant inħobb ninqeda bih għax inħoss li jagħti kulurit lill-atmosfera, u dwar kwalitajiet oħra letterarji li, fil-fehma ta' ħafna li kitbu dwar dan ir-rumanz, isebbħu u jagħnu *Nirien ta' Mħabba*.

Fl aħħarnett, irrid ngħid lil Mario Costa illi l-kwalità letterarja ta' ktieb ma tridx tqattagħha biċċa biċċa biex tgħid hix ta' stil realistiku jew le, imma teħodha fl-assjem tagħha.

Nieħu din l-opportunità, Sur Editur, biex nifraħlek għal ħafna artikli u studji oħra li qed jidhru f'*Mis-Sillabu* li bla dubju huma ta' għajnuna mhix żgħira sew għall-istudenti li ser jersqu għall-Matrikola kemm ukoll għall-għalliema tal-Malti.

**Ġużè Chetcuti**
**San Ġwann**

Għoġobni ħafna l-artiklu ta' Oliver Friggieri fuq il-poema ta' Dun Karm "Il-Jien u Lil Hinn Minnu", l-aktar għal dak li hu taqsim min-naħa tiegħek. Għall-quddiem nixtieq**u** jiżviluppalna aħjar l-influwenza tal-istudji tal-filosofija li studja l-poeta f'żgħożitu.

**Melvin Cassar**
**Ħaż-Żebbuġ**

Is-suġġeriment ta' Simon Abela mill-Belt biex ikollna Mużew tal-Letteratura Maltija (ara *Mis-Sillabu* Vol 2 nru 2) naqbel miegħu għal kollox. Imma qabel dan kollu jaqbel li fil-Librerija Pubblika u fil-librerija ta' l-iskola nsibu l-kotba li ħerġin bħalissa bil-Malti. Il-kotba l-antiki paċenzja, imma ta' llum, għala le?!

**Claire Borg**
**Bormla**

Nixtieq nifraħ lil Adrian Grima tal-komponiment tiegħu "Olokawst Nukleari" (*Mis-Sillabu* Vol 2 nru 3). Meta ddiskutejnieh fil-klassi waqt il-lezzjoni taċ-Ċivika ma xtaqniex nieqfu. U iktar ma naqrah iktar inħossu attwali.

**Silvio Massa**
**In-Naxxar**

Laqatni ħafna l-editorjal tiegħek fuq il-Moderniżmu fil-ħarġa nru. 4 ta' din is-sena. Ir-referenza li għamilt għall-Moviment Qawmien Letterarju ġġagħalni nistaqsik: "Meta se' tinkiteb biċ-ċar l-istorja ta' dan il-Moviment biex aħna ż-żgħażagħ inkunu nafu sewwa x'ġara fis-Sittinijiet?

**Karen Fenech**
**L-Ibraġġ**

Nixtieq li l-intervisti mal-kittieba ħajjin ikomplu. M'humiex biżżejjed l-intervisti ma' Francis Ebejer, Ġużè Chetcuti u Peter Sarracino Inglott. Nixtieq nara intervista ma' Ġorġ Pisani u ma' Ġużè Aquilina li huwa l-editur ta' l-*Antoloġija ta' Proża*. Minnhom nitgħallem ħafna.

**Joyce Gauci**
**Birkirkara**

Nixtieqkom tieħdu l-*Antoloġija ta' Proża* bħala t-test ta' kritika. Iż-żewġ volumi huma twal wisq u ma nafx kif se' naqbad nittrattahom għall-eżami. Ngħidu aħna, l-eżaminaturi x'jippretendu, kritika jew apprezzament? U kif se' nħarsu lejn in-novelli, l-awtobijografija, l-iskeċċ, ir-rumanz, u l-bqija tal-ġeneri l-oħra letterarji? Jidhirli li billi naqraw is-siltiet fil-klassi u nirrakkontaw il-ħajja tal-kittieb m'aħniex nippreparaw ruħna sewwa.

**Colette Debattista**
**Ta' Xbiex**

**Lawrence Quintano:**

# *Ir-Reliġjon għall-Kittieb Malti!* *

**"Kien ikun tabilħaqq interessanti kieku kellna l-ħin nistħarrġu sewwa x'funzjoni għad għandha r-reliġjon fil-poeti l-ġodda. M'għandniex żmien imma għall-anqas irrid ngħid li mhux kollox huwa negattiv".[1] Hekk ikkummenta fil-qasir il-Professur Peter Serracino Inglott waqt li kien qed jitkellem dwar il-poeżiji li dehru bejn l-1960 u l-1970. Jien nifhem li l-fatt li wieħed jitħajjar jistaqsi jekk ir-reliġjon għadhiex ta' siwi għall-kittieb Malti ta' llum hija diġà prova li xi ħaġa nbidlet għax xi ħmistax-il sena ilu jew ftit aktar minn hekk ħadd ma kien jiddubita li r-risposta kienet 'Iva'.**

Jekk wieħed iqalleb it-tielet edizzjoni ta' *Il-Muża Maltija*[2] wieħed mill-ewwel jintebah li ħafna mill-poeżiji Maltin minn qabel il-letteratura sa ma dehru l-poeti l-ġodda kienu reliġjużi ferm. Hekk insibu *Salve Reġina lid-Duluri,*[3] *Jum il-Ħaqq* ta' Richard Taylor,[4] *Lil Ommna Marija tal-Faraġ* ta' Ġużè Muscat Azzopardi,[5] id-damma ta' sunetti reliġjużi ta' Dun Karm[6] u l-poeżiji ta' A. Cuschieri O.C. Poeta bħal Rużar Briffa fejn ir-reliġjon m'hix preżenti b'dik il-forza bil-fors jagħti fl-għajn; madankollu wieħed bl-ebda mod ma jista' jsejjaħlu ribelli jew bla fidi.

Ir-rumanz[7] ukoll kien marbut ferm ma' reliġjon moralistika u konvenzjonali[8] mdawra ma' folklor Malti li kellu x'jaqsam ukoll ma' funzjonijiet reliġjużi. Il-qassis kien il-pern tar-raħal u kważi ħadd ma kien jissogra jikkritika l-istituzzjonijiet ekkleżjastiċi jew soċjali.[9]

Imma issa Malta tbiddlet ferm u nistgħu bla tlaqliq ngħidu li s-soċjetà Maltija saret soċjetà pluralistika u mhux blokk sħiħ ta' kattoliċiżmu ferventi. Bit-twessigħ ta' l-edukazzjoni, bil-qari ta' kotba li qabel ma konniex noħolmu li naqraw (bħat-teoriji ta' Marx u Freud), b'aktar flus fl-idejn, bid-dħul tat-televiżjoni u bil-kwistjoni politiko-reliġjuża tas-sittin, Malta nqalbet ta' taħt fuq u jekk wieħed jistenna li jara l-fidi qawwija ta' Dun Karm[10] fil-kittieba ta' llum jista' jistenna għalxejn. U t-taqlib mhux biss sar f'Malta imma fid-dinja kollha bħalma jikkummenta d-dokument konċiljari *Gaudium et Spes:* "Minnaħa l-oħra għadd ġmielu ta' nies qed iħallu l-prattika tar-reliġjon. Kontra ż-żmenijiet ta' qabel iċ-ċaħda t'Alla u tar-reliġjon m'għadhomx xi ħaġa stramba jew ta' ftit individwi".[11]

Imma ċ-ċaħda *totali* ta' Alla m'hix element komuni fil-kitba Maltija ta' żmienna. Safejn naf jien il-poeżija *Alla Mejjet* biss ta' Joe Friggieri taċċenna għal dan:

U Kristu għadu tiela'
Jerfa' salib ta' xejn
U Sisifu jgerbeb ġebla.[12]

B'mod konċiż ħafna Joe Friggieri jgħidilna kif Kristu sar bla bżonn waqt ir-renju tal-filosofija eżistenzjali. Imma ġeneralment ir-reazzjoni tal-kittieb Malti kienet waħda ta' tfittix għal reliġjon aktar ġenwina għax inħass li konna mdawrin b'reliġjon qoxra, konvenzjoni soċjali, reliġjon li tilfet ħafna mill-ispirtu ta' Kristu. Il-kittieb ħares lejn il-*Popolorum Progressio* u *Pacem in Terris* u ra li dawn għandhom relevanza kbira ferm għas-sitwazzjoni tal-batut. Hekk Mario Azzopardi juża referenzi Bibbliċi f'*Konna Tlettax-il Wieħed* biex jikxef kemm qed ngħixu f'dinja ta' indifferenza kbira tant li s-sammaritan – simbolu ta' ħniena fl-evanġelu – ma jħabbilx rasu wkoll u jibqa' għaddej fuq ir-rota. Il-figura ta' Kristu li jagħtina Philip Sciberras f'*Fuq il-Palm tal-Ħbiberija* hija ta' Kristu diplomatiku jħabbeb il-bnedmin li huma mifrudin minħabba l-ideoloġiji tagħhom. Dan huwa 'l bogħod minn Kristu magħluq ġot-tabernaklu jew waqt il-vjatku – il-figuri ortodossi ta' Dun Karm. U d-devozzjoni qawwija li juru l-poeti antiki lejn il-Madonna narawha issa ssir biċċa mill-makakkerija ta' dak li jgedwed il-litanija wara li ftaħar kemm biegħ art lill-barranin.

Għal dawk li ġew qabilna r-reliġjon kienet eħfef għax donnha kellha risposta għal kull diffikultà. Kull ma riedu jagħmlu Ġużè Muscat Azzopardi, A. Cuschieri u Dun Karm kien li jduru lejn il-Madonna jew lejn Alla u b'hekk isolvu l-problema tagħhom.[13] Kienu jħossuhom mexjin lejn termini definiti u jekk ibati l-ġisem ser tgawdi r-ruħ. Kien hemm fil-fatt fatma kbira bejn ruħ u ġisem – fatma filosofika b'egħruq twal u li ħakmet il-ħsieb ta' bosta kattolċi għal ħafna snin. Fil-fatt wieħed jifhem aktar x'irrid ngħid jekk iqabbel *Mater Purissima* ta' Dun Karm ma' *Pentekoste II* ta' Daniel Massa. Filwaqt li Dun Karm ifittex biss is-salvazzjoni ta' ruħu meta jħossu ttentat kontra l-purità, Massa jagħżel li jaħsel ruħu mid-dnub u jpaxxi 'l ġismu b'mara sabiħa u bl-għejun ta' ilma frisk. Huwa impossibbli taqra *Pentekoste II* mingħajr ma tħoss il-gost li wieħed igħix mal-ferħ tal-ħelsien mid-dnub.

Forsi xi wħud jistgħu jqisuh paradoss li waqt li kittieb modern irid jeħles mir-reliġjon organizzata, irid joqrob aktar lejn Alla. Jekk wieħed jifli sew il-poeżija *Fil-Ġnien ta' l-Għerf* ta' Mario Azzopardi u *Xufften* ta' Achille Mizzi malajr jintebah kemm ifisser il-mument meta wieħed joqrob daqshekk lejn Alla. Azzopardi bil-ħniena ma jridx igħid li dan kien żball kbir daqskemm iħoss il-preżenza ta' Alla waqt li Achille Mizzi bil-fors irid iħalli r-ruħ tiegħu tistejqer wara d-dellierju divin.

Oliver Friggieri jsib ruħu f'pożizzjoni kemxejn differenti minn ta' dawn il-poeti. Hu jħoss li għandu jfakkar 'l Alla kemm jeħtieġ għajnuna għax is-sitwazzjoni tiegħu (tal-poeta) hija tqila wisq.[14] Mhix pożizzjoni identika ma' dik tal-poeti tradizzjonali imma forsi hija l-aktar waħda li toqrob lejhom bl-eċċezzjoni tal-poeżija lirika reliġjuża ta' Ġorġ Borg.

*Minn *Il-Forum*, ir-IV Sena, Għadd 15 (Marzu – Mejju, 1974), pp. 9 – 10.

**NOTI**

1. *Journal of the Faculty of Arts*: Vol. V, p. 24.
2. Prof. Ġ. Aquilina: A.C. Aquilina & Co., 1969.
3. *Op. cit.*, p. 7.
4. *Op. cit.*, p. 8.
5. *Op. cit.*, p. 39.
6. *Antoloġija* Dun Karm (1946) ta' Ġ. Aquilina.
7. Ġaladarba t-titlu ta' l-essay huwa dwar il-kittieb Malti in ġenerali nixtieq nirreferi għar-rumanz u għat-teatru wkoll minkejja li wieħed irid jammetti li l-poeżija l-aktar li mxiet 'il quddiem f'dawn l-aħħar snin.
8. Ara *Taħt Tliet Saltniet, Nazju Ellul, Ineż Farruġ.*
9. Ftit wieħed jista' jitkellem dwar id-dramm fl-imgħoddi minħabba li tneħħi *Il-Fidwa tal-Bdiewa* u d-drammi realisti ta' Ġ. Diacono m'hemmx drammi ta' min isemmihom.
10. "Fil-poeżiji reliġjużi ta' Dun Karm inħossu ż-żegħila tal-Fidi li tilqa' kollox mingħand Alla, il-fidi tal-poeta mimli bl-imħabba għall-Kristu, għall-Knisja Kattolika u għal Ġesù Sagramentat", Ġ. Aquilina *op. cit.* xvii
11. *The Documents of Vatican II*, (Abbott and Gallagher), p. 205.
12. Malta – *The New Poetry*, (1971), p. 92.
13. Ara, Raymond Mahoney, *Meditazzjoni Fi Tmiem Awisssu, Dawl Fil-Persjani*, (1972), p. 88. Ir-razzjonaliżmu tas-seklu dsatax ġab l-insara li kitbu kontrieh it-tentazzjoni li jippretendu li jsibu li għal kull problema tal-ħajja kien hemm tweġiba ċara. Serracino Inglott, *op. cit.*, p. 24.
14. Ara *"Talba", Malta – The New Poetry.*